MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 855/2006

**Peter Plant Limited**

**Vs**

**Grezzju Patiniott**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-22 ta’ Settembru 2006, l-attrici ppremettiet li kienet irceviet diversi inkarigi ta’ xogholijiet minghand il-konvenut, f’lokalitajiet differenti. Ix-xoghol kien jikkonsisti f’tahmil, kostruzzjoni, skavar, kiri ta’ makkinarju u twaqqiegh ta’ zewg fondi.

L-attrici spjegat li x-xogholijiet huma spjegati fil-fattura Dok. A. F’San Giljan sar tahmil f’appartament fil-ground floor. F’Rahal Gdid kien sar tqattiegh ta’ blat, xoghol fil-

Fgura zewg komunikazzjonijiet ta' drenagg hdejn skola, u f'post iehor fil-Fgura sar bir f'garaxx u komunikazzjoni ta' drenagg. Imbaghad Hal Tarxien sar xoghol ta' drenagg f'garaxx. Xoghol iehor sar fil-Fgura li kien jikkonsisti f'tqattiegh ta' blat u thammil, u fis-Siggiewi sar twittija (levelling) ta' xi tmien plots. L-attrici kriet ukoll lill-konvenut kompressur ghall-erbat ijiem xoghol hdejn il-Knisja tal-Fgura. L-ammont dovut huwa hamest elef erba' mija u sitta u disghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm5,496.98).

Sar ukoll xoghol iehor li hu elenkat f'Dokument B li jikkonsisti f'garr ta' materjal minn Hal Far ghal Marsaxlokk inkluz kera ta' ingenji ghat-twittija taghhom; trasport ta' terrapien mill-Fgura ghal Marsaxlokk, kiri ta' excavator u crane; xoghol ta' kostruzzjoni f'Wied Blandun, Fgura, tahmil l-Imqabba, tahmil ta' plot gewwa Haz-Zabbar, thaffir ta' trinka f'Haz Zabbar; u kien hemm ukoll kiri ta' cranes; f'Brizebbugia sar xoghol ta' twaqqiegh ta' zewg fondi, tqattiegh ta' blat fuq wara u fuq quddiem thammil u tnehhija ta' materjal u minflok inqata' blat; sar ukoll bini ta' hitan fl-Imqabba. L-ammont dovut huwa ta' tmint elef seba' mija u sitta u tmenin liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm8,786.32).

L-attrici talbet lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici ghas-somma ta' Lm14,283.30;
2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma.
3. Tillikwida l-imghax mill-iskadenza ta' kull fattura.
4. Tikkundanna lill-konvenuti ihallas l-imghax likwidat.

Il-konvenut wiegeb (fol. 13):-

1. It-talba hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
2. Il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex l-attrici nnegozjat mas-socjetajiet kummercjali li taghhom

il-konvenut huwa direttur u mhux personalment mal-konvenut.
3. Il-konvenut m'huwiex debitur tal-attrici.
4. It-talbiet jinkludu imghax eccessiv u mhux permess mil-ligi.
5. It-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex bazata fuq fatturar eccessiv.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

**Preskrizzjoni**.

Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"L-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"*.

L-attrici qeghda titlob il-hlas ghal:

i. Tahmil;
ii. Skavar ta' blat u trinek ghad-drenagg;
iii. Tnehhija u twittija ta' materjal;
iv. Kiri ta' makkinarju;
v. Bini ta' hajt u konsenja ta' pedamenti tal-konkrit ghall-hajt;

Fil-kawza **Joseph Mizzi nomine vs Joseph Delicata proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Ottubru 1954 (Vol. XXXVIII.iii.710), saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Mejju 1929, fil-kawza **Pace vs Muscat** (Vol. XXVII.i.1013), fejn inghad hekk:-

*"La disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza no. VII del 1868 (korrispondenti ghall-art 2253 tal-Kodici Civili[1]), secondo la quale si prescrivono col decorso di dieciotto*

[1] Issa 2148.

*mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro crediti per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti;…….; poiche' la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che presano la lor opera (opera), mentre quella di cui all'articolo 1913 rigurada I crediti di coloro in cui domina il carattere di speculatori e che, piu' che la loro opera, prestano un lavoro (opus) che, fino a tanto che non sia consegnato, rimane a loro rischio…"*.

L-attrici hi kumpannija li pprestat servizzi lill-konvenut. Fil-fehma tal-qorti ma tikkwalifikax bhala wahda mill-persuni fuq imsemmija meqjus li hi spekulatrici fuq l-opra tal-impjegati taghha u tan-nies li tinkariga biex iwettqu s-servizzi li toffri. Dan apparti li l-uniku xoghol ta' bini li sar u li jifforma oggett ta' dawn il-proceduri huwa dak tal-Imqabba (fol. 95).

Fic-cirkostanzi din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**Legittimu kontradittur**.

Dwar din l-eccezzjoni nghataw verzjonijiet konfliggenti.

Il-konvenut xehed: *"Jien ghandi kumpanija bl-isem ta' AG Contractors Limited. Ghandi wkoll kumpanija bl-isem ta' Horrand Properties Limited. Din il-kumpanija qabel kien jisimha Grezzju Patiniott Properties Limited"*.

Mill-provi rrizulta li:-

i. saru pagamenti, permezz ta' cekkijiet, minn Horant Properties Limited (fol. 28-31). Pero' mac-cekkijiet jidher li l-konvenut kien jibghat dikjarazzjoni u fuq nett hemm stampat ismu (ara fol. 77, 78, 79) u ma tissemma l-ebda kumpannija;

ii. Ir-rendikonti huma ndirizzati lill-konvenut. Il-konvenut ipprezenta kopja ta' wiehed minnhom (ara Dok. GP11 a fol. 87) datat 1 ta' Marzu 2003. M'hemmx prova li

huwa kien ipprotesta li l-hlas kien dovut minn xi wahda mill-kumpanniji li rrefera ghalihom fl-affidavit;

Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda peress li l-konvenut ma tax prova sodisfacenti li l-ftehim kien mal-kumpanniji fuq imsemmija.

**Ammont m'huwiex dovut**.

Bit-tielet eccezzjoni l-konvenut iddikjara li l-ammont mitlub m'huwiex dovut.

Is-servizzi deskritti fid-dokument a fol. 10 huma identici ghall-dokument simili li pprezenta l-konvenut datat 1 ta' Marzu 2003 (fol. 87).

Il-konvenut allega li dwar is-servizzi li jissemmew fir-rendikont a fol. 10, kien ghamel ftehim dwaru ma' Peter Montebello, u li kienu waslu ghac-cifra finali ta' Lm5,000 li kien hallas, u dan kien jinkludi t-trasferiment ta' trukk lil Montebello. Peter Montebello cahad li qatt sar ftehim f'dan is-sens[2]. F'dan ir-rigward l-uniku prova li ghandha l-qorti hi l-kelma tal-konvenut kontra dik ta' Peter Montebello. Il-qorti semghet lill-partijiet u m'hijiex tal-fehma li l-konvenut ikkonvinciha li ntlehaq ftehim bejn iz-zewg partijiet li l-ammont kollu dovut kien ta' Lm5,000 u li thallas. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut li:-

i. Il-kont a fol. 169 kien gie rivedut ghas-somma finali ta' Lm5,000;
ii. Is-somma thallset kollha;

Jekk il-verzjoni li ta l-konvenut hi l-verita', kien fl-interess tieghu li jizgura li jinghata ricevuta mal-hlas li jghid li ghamel, jew ghallinqas li jinsisti li Montebello jiffirma d-dokument. Fid-dubju l-qorti ma tistax tikkonkludi li l-verzjoni li ta l-konvenut hi l-verita. Dubju li jkompli jikber meta fis-seduta tat-13 ta' Frar 2012 il-konvenut qal li ma

---

[2] *"X'hawwad Patiniott f'dan id-dokument jien ma nafx. Ma naqbilx ma' dak li hemm imnizzel, mac-cifra ta' Lm5,000"* (fol. 108).

kienx jeskludi li l-ispejjez relatati mal-hajt ma kienux inkluzi mas-somma ta’ Lm5,000.

Fil-kont a fol. 169 hemm notamenti li saru mill-konvenut, fejn jinghad li:-

i. Ir-rata ta’ hlas ghal tahmil li sar fl-Imqabba fit-23 ta’ Frar 2001, kien ta’ Lm1.25 kull jarda kuba u mhux ta Lm2.25. Dwar dan ix-xoghol il-konvenut qal: *“Naqbel mal-kejl, imma ghar-rata tal-hlas ma naqbel xejn. Dik kellha tkun Lm1.25 kull jarda kuba”* (fol. 72).
ii. Il-hajt li nbena fl-Imqabba kellu kejl ta’ 100 pied u mhux 130 pied;

Fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2012 il-konvenut, b’riferenza ghad-dokument a fol. 169, xehed:-

*“Jien rajtu l-istatement li ghamel Peter. Kien gie Peter hdejn id-dar tieghi, u ghamilnieh flimkien dan l-istatement. Jien naqbel ma’ dak li ghandu miktub Peter fl-istatement. L-istatement ghandu d-data ta’ l-1 ta’ Marzu 2003, mahrug minn Peter Plant Limited.* ***Nikkonferma li jiena naqbel ma’ l-istatement imma bl-annotazzjonijiet li fih****. Jien ma nafx naqra u nikteb imma somom nirranga”* (fol. 106-107). Fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2012, il-konvenut qal: *“Il-problema li hemm hi il-kejl”* (fol. 72).

Hemm kont iehor datat l-ta’ Marzu 2004 (fol. 96) ghal xoghol li sar f’postijiet differenti, b’total ta’ Lm4,670. Fid-dokument m’hemmx taghrif dwar meta sar ix-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas. Fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2012, Peter Montebello qal li ma kienx f’posizzjoni li jghid meta sar dak ix-xoghol (fol. 68). Kompla ighid li *“Ix-xoghol li jissemma fl-istatement tal-1/3/2004 mhux inkluz fl-istatement tal-1/3/005. Jien nahseb li x-xoghol li jissemma fl-istatement tal-1/3/2004, sar qabel”*. Il-qorti tosserva:-

i. Hemm nuqqas ta’ dettal dwar ix-xoghol li jissemma fid-dokument a fol. 96. Hekk per ezempju, m’huwiex maghruf meta sar ix-xoghol u m’hemmx dettali dwar il-prezzijiet li qeghda titlob;

ii. Fl-atti hemm kopja tal-ittra ufficjali li l-attrici baghatet lill-konvenut fit-13 ta' Settembru 2005. Fiha tissemma biss is-somma ta' Lm7,816.73 bhala l-ammont dovut mill-konvenut (fol. 33), cjoe' l-ammont dikjarat fil-kont tal-1 ta' Marzu 2005 (fol. 27). Pero' meqjus dak li xehed il-konvenut, il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-hlasijiet li ntalbu fil-kont 15/04 tal-1 ta' Marzu 2004, m'humiex dovuti.

iii. B'riferenza ghal dan il-kont, il-konvenut:-

(a) jaqbel li sar tqattiegh ta' blat f'Rahal Gdid. Pero' qieghed jikkontesta s-somma ta' Lm1,600 u jsostni li l-ammont kellu jkun ta' Lm1,000;

(b) ikkonferma li t-thaffir ta' blat fil-Fgura kien sar (item F) pero jikkontesta l-ammont li qeghda titlob l-attrici.

(c) B'mod indirett ikkonferma li sar xoghol f'San Giljan u s-Siggiewi, meta qal li ma jiftakarx jekk fis-somma ta' Lm5,000 kienx hemm inkluz ix-xoghol li sar San Giljan u s-Siggiewi (fol. 72).

(d) Jikkontesta item G (Siggiewi: Levelling of Material) ghaliex is-somma ta' Lm450 hi ezagerata. Qal li *"kull ma kienet kirja ta' gaffa gurnata u nofs. Il-ftehim kien ta' Lm80 ta' gurnata"*. Montebello ma kkummenta xejn dwar dan.

(e) Jikkontesta item G (Hire of compressor at Fgura near Church for 4 days) ghaliex Lm120 hi somma ezagerata.

Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq:-

i. Fir-rigward tal-kont tal-1 ta' Marzu 2005 (fol. 27) tikkonkludi li:-

(a) L-unici materji li ser jibqghu pendeni huma dwar ix-xoghol (1) tat-23 ta' Frar 2001 fl-Imqabba, li dwaru m'hemmx prova li l-prezz kellu jkun ta' Lm2.25 ghal kull jarda kuba. Il-qorti ser tahtar perit tekniku sabiex jaghti opinjoni dwar ir-rata ta' hlas kummercjali ghal xoghol ta' tahmil fis-sena 2001; u (2) Il-kejl tal-hajt li sar fl-2002, li ghandu jitkejjel mill-perit tekniku;

(b) Ser titnaqqas is-somma ta' €2,329 mill-kont peress li l-attrici naqset biss is-somma ta' €5,823 meta hi stessipprezentat kopja ta' cekkijiet fl-ammont komplessiv ta' €8,152.8 (fol. 228-31);

ii. Fir-rigward tat-tieni kont tal-1 ta’ Marzu 2004 (fol. 11), ghandu jsir hlas ta’ xogholijiet li jissemmew f’punt A u E. Meta xehed il-konvenut naqas milli jsemmi xi oggezzjoni dwar ix-xoghol li jissemma, u ghalhekk it-talba tal-attrici qeghda tintlaqa’ fir-rigward ta’ dawk is-servizzi. Dwar ix-xoghol li jissemma f’punti B, F u G, l-inkarigu tal-perit tekniku ser ikun jirrelata wkoll ghas-servizzi li jissemmew. Fir-rigward tal-kiri ta’ kompressur, meqjus dak li xehed il-konvenut il-qorti tiffissa hlas dovut ta’ mija u sitta u tmenin ewro (€186). Items C u D jirrelataw ghal xoghol li sar fil-Fgura. Peter Montebello xehed li: *“Il-Fgura ghamilna tqattiegh u tahmil. Il-Fgura inkluza fil-pretensjonijiet li qed naghmel jien ghall-hlas. 99.9% ir-riferenza ghal Triq il-Merhba Fgura, dak qed inkluz f’kont ta’ qabel u imhallas, imma irrid naghmel verifiki qabel ma nkun cert”*. Ix-xhud ma tax taghrif ulterjuri. F’dan l-istat ta’ incertezza, li qatt ma gie ccarat, il-qorti ma tistax tilqa’ t-talba tal-attrici fir-rigward ta’ dawn l-items. Dan ir-ragunament m’huwiex jigi adottat fir-rigward ta’ item F[3] in kwantu minn dak li xehed il-konvenut il-kontestazzjoni tidher li titratta dwar l-ammont li qieghed jintalab ihallas meqjus ix-xoghol li sar.

**<u>Xoghol fiz-Zejtun</u>**.

Il-konvenut xehed dwar xogholijiet li saru fiz-Zejtun li kien jikkonsisti fi skavar u tqattiegh ta’ blat fi Triq Xeht il-Forom. Qal li dan ix-xoghol kien gie mhallas permezz ta’ cekk datat 27 ta’ Dicembru 2007 ghas-somma ta’ Lm2,500, u li wara kien irrizultalu li x-xoghol li ghamlet l-attrici kien ferm inqas (fol. 75). Fil-fehma tal-qorti dan m’huwiex rilevanti ghal finijiet ta’ din il-kawza ghaliex l-attrici m’hijiex titlob xi hlas ghal dan ix-xoghol. Ghalkemm il-konvenut ighid li hallas izzejjed, l-attrici cahdet.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

---

[3] *“F Fgura: Excavation & Removal of Rock near Lay-Lay Daughter”* (fol. 11) peress li l-konvenut qieghed isostni li l-ammont mitlub huwa ezagerat u ddikjara li ghadu jista’ jsir il-kejl ghaliex ma sarx zvilupp, u ghalhekk dan jaghti lill-qorti x’tifhem li ma hallasx ghal dan is-servizz.

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.**
**3. Tichad it-tielet eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.**
**4. Tichad it-talbiet tal-attrici fir-rigward ta' items C u D tal-kont 15/04 datat l-1 ta' Marzu 2004 (fol. 11).**
**5. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attrici ghas-servizz li jissemmew u ghall-ammonti dikjarati:-**

**i. Fil-kont numru 20/05 datat 1 ta' Marzu 2005 (fol. 10), b'dan li fir-rigward ta' tahmil li sar fl-Imqabba (23 ta' Frar 2001) u l-bini ta' hajt fl-Imqabba, tinkariga lill-perit Mario Cassar sabiex:-**

**(a) Jaghti stima kummercjali ta' rata' ta' hlas ghal kull jarda kuba ghal xoghol ta' tahmil li sar fis-sena 2001;**
**(b) Jaghmel access u jkejjel il-hajt li jissemma fl-imsemmi kont u a bazi tal-hlas li qieghda titlob l-attrici ghal dan ix-xoghol, jaghti opinjoni dwar il-hlas li huwa dovut mill-konvenut[4];**

**ii. Fil-kont numru 15/04 datat 1 ta' Marzu 2004 (fol. 11) fir-rigward ta' items A ghal €1,863.50, E ghal €465.87 H ghas-somma ta' €186, kif ukoll ghall-items B, F u G b'dan li fir-rigward ta' dawn l-ahhar tlett items tinkariga lill-perit Mario Cassar sabiex wara li:-**

**(a) Jaghmel access fil-postijiet fejn sar ix-xoghol u fejn applikabbli jkejjel ix-xoghol li sar; u**
**(b) jisma' lill-partijiet bil-gurament u jara l-atti[5];**

**jaghti opinjoni dwar jekk il-prezz mitlub f'items B, F u G huwiex gustifikat. Fin-negattiv ghandu jaghti stima u jaghti ragunijiet ta' kif wasal ghall-prezz dovut.**

---

[4] Il-perit tekniku m'ghandux jisma' provi u jircievi xi dokumenti dwar il-punti li nghata l-inkarigu fir-rigward tal-kont numru 20/05 tal-1 ta' Marzu 2005 (fol. 10).
[5] Il-perit tekniku m'ghandux jircievi dokumenti godda u lanqas jisma' xhieda ohra.

**6. Tordna li l-perit tekniku jipprezenta r-rapport tieghu sal-ahhar ta’ Novembru ghas-spejjez ghalissa tal-attrici.**

**7. Tiddikjara li mill-ammont dovut mill-konvenut trid titnaqqas is-somma ta’ tmint elef mija u tnejn u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€8,152.81) ghall-hlasijiet li saru u mhux biss hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43) kif jinghad fil-kont numru 20/05 tal-1 ta’ Marzu 2005.**

**8. Dwar it-talbiet relatati mal-imghax u r-raba’ eccezzjoni, f’dan l-istadju tillimita ruhha biex tiddikjara li r-rata ta’ imghax hi dik permissibbli skond il-ligi.**

**Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali li ghad irid jinghata.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------